INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

Avviż tal-Gvern tad-Danimarka skont id-Direttiva tal-Kunsill 2009/119/KE li timponi obbligu fuq l-Istati Membri biex iżommu livell minimu ta' ħażniet ta' żejt mhux maħdum u/jew ta' prodotti petroliferi

(2020/C 259/04)

Skont l-Artikolu 9(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 2009/119/KE tal-14 ta' Settembru 2009 li timponi obbligu fuq l-Istati Membri biex iżommu livell minimu ta' ħażniet ta' żejt mhux maħdum u/jew ta' prodotti petroliferi [1], id-Danimarka permezz ta' dan l-avviż tinnotifika l-impenn tagħha li żżomm ħażniet speċifiċi.

1. Il-livell ta' ħażniet speċifiċi li d-Danimarka timpenja ruħha li żżomm huwa ekwivalenti għal 30 jum tal-konsum medju ta' kuljum.
2. L-impenn għandu jkopri l-perjodu mill-1 ta' Lulju 2020 sal-30 ta' Ġunju 2021.
3. Il-ħażniet speċifiċi se jkunu jikkonsistu fi prodotti li jagħmlu parti mill-kategoriji li ġejjin:
   — Petrol tal-magni
   — Żejt tal-gass/diżil
4. Il-ħażniet se jkunu proprjetà tal-entità ċentrali tal-ħżin, Foreningen Danske Olieberedskabslagre (FDO), u se jinżammu minnha.

[1] ĠU L 265, 9.10.2009, p. 9.